ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**<u>Minuti tal-25 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>**

Il-ħamsa u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2012.

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-membri s-Sinjuri Luciano Farrugia, Mario Bartolo u Joseph Agius.

<u>Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tal-24 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Agius tkellem dwar is-servizz ta' trasport pubbliku f'St Peter's u ppropona li l-ilmenti tar-residenti jerġgħu jitressqu lill-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta. Is-Sinjura Debattista ssekondat lis-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li l-ilmenti dwar it-trasport pubbliku f'St Peter's jerġgħu jitressqu lill-kumpanija Arriva.

Is-Sur Farrugia qal li l-karozza tal-linja numru 120 mhux qed taqdi lir-residenti kif mixtieq u dan peress illi l-ewwel *bus stop* qegħda fi Triq ix-Xgħajra.

<u>Item 4 - Korrispondenza</u>

Ma kienx hemm korrispondenza.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

<u>Pjan ta' Ħidma</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2012 – 2014. Fuq proposta taċ-Chairperson li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma.
Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kunsill approva unanimament ukoll ir-Rapport ta' Kull Kwart għall-perjodu Jannar – Marzu 2012.

Is-Segretarju informa lill-Kumitat Amministrattiv li kien għamel kuntatt mal-kumpanija Go biex jintbgħatu s-*schedule of works* li jridu jiġu nklużi fid-dokument tat-*tender* għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb.

Dwar il-laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija, il-Kumitat Amministrattiv qabel li l-laqgħa mal-Ispettur issir nhar it-Tlieta qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv. B'hekk ikun possibbli għall-ispettur jattendi għal din il-laqgħa.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Agius talab li jiġi rranġat dawl maqtugħ li hemm fi Triq San Leonardu. Huwa talab ukoll li jitwaħħlu l-ismijiet li jindikaw Triq il-Profs JG Baldacchino kif ukoll Triq iż-Żagħrun.

Is-Sur Bartolo saħaq dwar il-ħtieġa li tkompli ssir pressjoni biex tiġi asfaltata parti minn Triq Dun Salv Sciberras. Huwa saħaq ukoll dwar il-ħtieġa li ssir bankina mal-ħajt fi Triq il-Berebies biex dan ma jibqax jitwaqqa'.

Iċ-*Chairperson* saħqet dwar il-ħtieġa li jsir xogħol ta' *patching* fit-toroq ta' St Peter's. Hija talbet ukoll li jitneħħa l-qasab li hemm fit-trejqa ta' bejn Triq il-Farfett tal-Fejġel u Triq is-Sebellika. Hija talbet ukoll li jinqata' il-ħaxix fi Triq il-Farfett tal-Fejġel ma' Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-26 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 24 ta' April, 2012

Maria Elena Debattista
*Chairperson*